MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 1017/1995/2

***Manuel u Shirley Caruana, u b' digriet tal-14 ta' Settembru 2000 il-Qorti ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju minn Shirley Caruana fl-ismijiet ta' Peter Paul Caruana, Pawla Helen Caruana, Frances Caruana, Sunny Caruana u Alison Caruana***

***VS***

***Dottor Tonio Mallia u l-Prokuratur Legali Paul Saliba gew nominati kuraturi deputati biex jirrappresentaw l-eredi nnoti ta' Salvatore Bezzina; u b' digriet tat-8 ta' Awissu 1996 Brian Valenzia ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Arva Insurance Agency Ltd. u din bhala rappresentatrici tas-socjeta' estera Norwich Union Fire Insurance Society (Gibraltar) Ltd. fil-kwalita' taghha tga' assikurazzjoni tal-mejjet Salvatore Bezzina, gie nominat kuratur biex jirrappresenta l-eredi injoti ta' Salvatore Bezzina, u b' digriet tat-3 ta' Settembru 1996 il-kuraturi deputati***

***Dottor Tonio Mallia u l-Prokuratur Legali Paul Saliba gew estromessi mill-kawza.***

**Illum 20 ta' Marzu 2002**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-atturi, wara li **ppremettew**: illi l-attrici Shirley Caruana kienet involuta f' incident awtomobilistiku ma' Salvatore Bezzina (llum mejjet) liema ncident issucieda fis-19 ta' Frar 1994 fi Triq Dicembru 13, Marsa meta Bezzina kien qed isuq karrozza numru B-1922 meta b' manjera perikoluza u b' negligenza, qabad u hareg bl-addocc quddiem ambulanza li fiha kienet tinsab l-attrici. B' hekk l-ambulanza hadet break qawwi u l-attrici waqghet; u a kawza ta' tali incident l-attrici sofriet danni personali ta' natura permanenti; **Talbu** jghidu l-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-incident li ssuccieda tid-`19 ta' Frar 1994 fejn korriet l-attrici ssuccieda tort unikament tal-mejjet Salvatore Bezzina li wera imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

2. Tillikwida d-danni sofferti okkorrendo bin-nominata' periti medici;

Tikkundanna l-konvenuti jhallsu s-somma likwidata.

Bl-ispejjez u l-imghax, u l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata, il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti prezentati mill-atturi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenuti fid-9 ta' April 1996 (fol.19) li permezz taghha eccepixxu illi, filwaqt li rriservaw li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri tal-kawza stante li ma kienux ghadhom edotti mill-fatti tal-kaz; eccepew li "F'kull kaz, l-atturi jridu

jippruvaw li verament ma jafux min huma l-eredi tal-mejjet Salvatore Bezzina, u, fil-meritu, li l-incident sehh tort tal-imsemmi Salvatore Bezzina u li l-attrici soffriet griehi li qed tilmenta minnhom konsegwenza tal-incident in kwistjoni. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti, u l-lista tax-xhieda

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri prezentata mill-konvenuti fl-10 ta’ Novembru 1997 fejn gie eccepiet “ Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes, stante li l-incident in kwistjoni ma garax tort tal-mejjet Salvatore Bezzina izda se mai tort tas-sewwieq l-iehor. Salvi eccezzjonijiet ohra”

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti, u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-rapport (fols.85 *et seq*.)mahluf fl-udjenza tat-6 ta’ Marzu 2000, mit-tabib kirurgu Carmel Sciberras li, permezz ta’ digriet moghti minn din il-Qorti fit-28 ta’ Mejju 1999, kien gie nominat espert mediku sabiex, wara li jezamina lill-attrici, jistabilixxi l-grad ta’ disabilita’ li minnu qeda ssofri konsegwenza tal-incident meritu tal-kawza odjerna.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat:-

***Kwadru tal-fatti***

Illi dawn il-proceduri jsibu l-origini taghhom f’ incident li sehh fis-19 ta’ Frar 1994 go Triq Aldo Moro il-Marsa[1] bejn il-vettura nurmu **B-1922** misjuqa minn Salvatore Bezzina, illum mejjet, u van misjuq minn Joseph Theuma, li go fih kien hemm, fost passiggieri ohra, Shirley Caruana li kienet bil-qieghda go wheelchair. Illi mill-provi rrizulta

[1] L-iskizz esebit jidher li jirreferi ghall-incident differenti minn dak in disamina.

ampjament li l-incident sehh meta l-imsemmi Salvatore Bezzina hareg minn go triq sekondarja ghal got-triq principali li fuqha kien ghaddej Joseph Theuma, bir-rizultat li dana kellu jibbrejka fit-tul biex jevita kollizzjoni. Fil-fatt il-van irnexxielu jieqaf vicin hafna tal-vettura ta' Bezzina u l-kollizzjoni ma sehhitx; izda konsegwenza tal-manuvra li Joseph Theuma kien kostrett li jghamel biex jevita l-habta, l-imsemmija Shirley Caruana zelqet mill-wheelchair u saqajha u parti minn gisimha wehhlu that is-seat li kien hemm quddiemha. Rizultat ta' dan hija sofriet disabilita' permanenti ta' sbatax fil-mijua (17%) skond il-konkluzjoni tal-espert mediku fuq indikat.

Illi mill-provi rrizulta assodat li kemm Salvatore Bezzina - hu u hiereg fil-main road - kif ukoll Joseph Theuma - li kien fuq it-tieni lane fit-triq principali sejjer fid-direzzjoni ta' Rahal il-Gdid - kienu qed isuqu bi speed normali. Dan gie kkonfermat mill-kuntistabbli 45 Joseph Borda li kien xhud okulari tal-incident, kif ukoll estreneu ghall-istess. Dan iddeskriva d-dinamika tal-incident bil-mod segwenti: *"… f' daqqa wahda nara karrozza misjuqa minn Salvatore Bezzina, hierga minn hdejn il-Public Works fejn hemm 'give way'. Dana baqa' hiereg, kienet gejja ambulanza u (din) kellha zzomm, ibbrejkjat mieghu preciz…… Is-sur Bezzina baqa' hiereg jigifieri, ma harigtx b' sahhtu imma* ***baqa' hiereg bl-istess speed li kien gej****…baqa' hiereg fil-main road normali……..Imbilli l-ambulanza kienet fuq is-second lane huwa pprova johrog fuq il-one (il-first) lane, imma sakemm qed idawwar hekk, l-ambulanza lahqitu …….lanqas l-ambulanza ma kienitx ghaddejja b' xi speed eccessiv. (fol.125)*

***Responsabilita'***

Illi din il-versjoni tal-fatti, esposta minn Pc.45 Joseph Borda, hija konfacenti mal-kumpless tal-provi. Salvatore Bezzina kien hiereg minn go side road ghal go main road, bi speed baxx, izda, nonostante li fl-imbokkatura tat-triq kien hemm sinjal*'give way'*, u nonostante li huwa kien hiereg go arterja principali u traffikuza bhal ma hi Aldo Moro street, huwa *"baqa' hiereg bl-istess speed".*

Jidher manifest li <u>s-sitwazzjoni ta' emergenza</u> li wasslet ghall-korriment ta' Shirley Caruana, giet kkagunata mis-sewqan imprudenti u negligenti da parti ta' Salvatore Bezzina. Dan malli wasal fit-tarf tas-side road li minnha kien ghaddej biex jidhol fi trieq principali u traffikuza, kellu l-obbligu li jesercita dik id-diligenza ta' *bonus paterfamilias* li c-cirkostanzi, u l-konfigurazzjoni tat-triq kienu jirrikkjedu u, cioe' li jieqaf, u jesplora sewwa t-triq principali, u ma jidholx fiha qabel ma jaccerta ruhu li jista' jghamel din il-manuvra minghajr perikolu ghat-traffiku li jkun ghaddej. <u>Huwa kellu d-dmir li jaccerta ruhu li jista' **jibda, jghamel u jittermina** l-manuvra ta' infiltrazzjoni fi triq principali minghajr riskju u perikolu ghat-traffiku li kien ghaddej kemm fuq il-first lane, kif ukoll fuq is-second lane</u>. *Multo magis* meta, bhal fil-kaz prezenti, jkun hemm sinjal *'give way'* liema sinjal jimponi l-obbligu car u rigidu da parti tas-sewwieq li jnaqqas l-ispeed tieghu u, jekk hemm bzonn jieqaf, sabiex icedi ghat-traffiku li jkun ghaddej fil-main road. *Slow down and give way at GIVE WAY signs (Highway Code para.84).*

Il-ligi tiddisponi li kull persuna ghandha twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha; u jitqies fi htija kull minn fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja (Art.1031u 1032 Kodici Civili).

Fil-kaz in disamina Salvatore Bezzina wera nuqqas ta' prudenza u diligenza fis-sewqan tieghu, liema nuqqas wassal ghal korriment ta' Shirley Caruana; u ta' dan ghandu jirrispondi ai termini tal-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili. Izda ghalkemm Salvatore Bezzina huwa responsabbli ghas-sitwazzjoni ta' emergenza li holoq fit-triq minhabba n-nuqqas tieghu kif fuq spjegat, il-Qorti hija tal-fehma li, la hu ekwu u lanqas hu gust, li dan jigi mghobbi bir-responsabilita' <u>kollha</u> ghall-korriment ta' Shirley Caruana. Il-provi juru li dina ma kienitx marbuta mal-wheelchair. B' hekk hija zelqet minnu u garrbet il-griehi li gew riskontrati mit-tabib u mill-espert mediku.

Illi in propositu ghal dan l-aspett tal-vertenza, il-Qorti tosserva li dan il-fattur tac-cinturin, volontarjament jew involontarjament, izda zgur konvenjentement, thalla barra

mix-xhieda kemm ta’ Shirley Caruana kif ukoll ta’ binha Peter Paul Caruana li kien riekeb maghha fil-van; u kien fuq kontro ezami ta’ Joseph Theuma u domanda espressa tad-difensur ta-konvenuti li tqajjmet il-kwistjoni jekk Shirley Caruana kienitx marbuta jew le. Is-sewwieq ma gharafx jghati risposta u rrisponda *“Jien ma niftakarx jekk kinex hemm cinturin jew le. Imma is-soltu kien ikollha. Jigifieri jista’ jkun kellha u inqata’ il-piz taghha.” (fol.109).*

F’ dan ir-rigward il-Qorti tosserva li asserzjoni *‘jista’* jkun’ hija element ta’ prova bla valur probatorju rilevanti. Ma rrizultaw ebda provi fis-sens li c-cinturin kien inqata’. Dak li hu cert pero’ huwa li kien id-dover tas-sewwieq li qabel ma jsuq jaccerta ruhu li l-passiggiera Shirley Caruana – mara ta’ piz qawwi u kwazi *bed ridden*, u ghalhekk b’ *manuvrabilita’ ristretta hafna* – kienet marbuta mal-*wheelchair* u marbuta sewwa. <u>L-istess dover kien jinkombi lill-istess Shirley Caruana</u> li tiehu tali prekawzzjoni u tiehu hsieb taghha nnifisha minn dan il-lat. In vista ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet l-Qorti hija tal-fehma li Salvatore Bezzina m’ ghandhux jitghabba bir-<u>responsabilita’ kollha</u> ghad-danni li sofriet Shirelhy, u dana minhabba dan il-fattur kontributorju da parti tal-persuni fuq indikati. Il-konkluzjoni tal-Qorti hija li Salvatore Bezzina ghandu jgorr responsabilita tad-danni kkaggjunata lill Caruana limitatament ghall-kwota ta’ zewg terzi (2/3).

***Likwidazzjoni tad-danni***

Illi fl-ewwel lok huwa opportun li jigi osservat li l-atturi ma avvanzaw ebda pretensjoni ghad-danni emergenti mill-incident, u qed jibbazaw il-pretensjoni taghhom limitatament ghal dak li jissejjah *lucrum cessans* ossia t-“telf ta’ qligh” li kienet ser issofru l-attrici konsegwenza tad-disabilita’ permanenti li garrbet Shirley Caruana.

Illi fir-relazzjoni tieghu l-Kirurgu Carmel Sciberras ikkonkluda illi d-disabilita’ addizzjonali li soffriet Shirley Caruana rizultat tal-incident u konsegwenza tal-istess, hija ta’ sbatax fil-mija (17%).

Fatturi relevanti tal-vertenza in disamina huma l-istat ta’ sahha u l-kondizzjoni ta’ Shirley Caruana kif kienu qabel l-

incident, u kif zviluppaw wara l-incident u kagun tal-istess; u jekk l-inkapacita' li sofriet kienitx ser tkun kagun ta' telf ta' qligh ghaliha fil-futur, u f' kaz affermattiv irid jigi stabbilit il quantum ta' dan il-*lucrum cessans*.

"Din il-materja m'ghandhiex tkun soggetta ghal xi regola rigida, izda ghandha tithalla fid-diskrezzjoni tal-gudikant li jghamel **estimu ekwitativ**, fic-cirkostanzi tal-kaz, avut rigward ghan-natura tal-menomazzjoni fisika jew intelletwali u l-kondizzjoni tal-parti lesa, kriterji imsemmija fil-ligi stess; u jasal ghal ammont xieraq ghall-kaz b' *apprezzament realistiku* li jirrikoncilja z-zewg interessi konfliggenti billi lid-danneggjat jinghata il-kumpens li jisthoqqlu minghar mad-debitur jigi aggravat izzejjed. L-aqwa kriterju **jibqa' s-sens ta' proporzjon u ta' ekwita' tal-gudikant** fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz*."(Prim Awla – **Carmelo Muscat v Francis Schembri et** per Imhallef M.Caruana Curran – 27.01.72)(emfasi u sottolinear ta' din il-Qorti).*

Illi l-kondizzjoni ta' sahha tal-imsemmija Shirley Caruana qabel l-incident ma kienitx wahda felici. Kif xehed it-tabib kuranti taghha Dr.Joseph Zammit, din kienet bed ridden rizultat ta' rheumatoid arthritis. Kienet *"tqum u toqghod mis-sodda, imma l-maggjoranza tal-gurnata kienet tghaddiha fis-sodda" (fol.122).* Hija kienet mara tqila li kellha "piz esagerat" u wara l-incident, biex il-familjari taghha kienu iqajmuha mis-sodda, kienet twegga' izjed u huma kienu jbatu aktar. Fl-istess vena huwa r-rapport tal-Kirurgu Carmel Sciberras li kkonkluda li *"Shirley Anne Caruana was quite severely disabled prior to the accident. Nevertheless (the injuries sustained by her as a result of the accident) made her disability worse. From someone who could use a wheel chair and did some small things for herself, she has ended up bedridden and completerly dependent."(fol.88).*

Ghaldaqstant mill-premess jidher car li dan mhux kaz fejn id-danneggjata minhabba d-disabilita' permanenti li sofriet kien ser tbati telf ta' qligh ta' flus minhabba li ma setghetx tahdem jew tkompli tahdem. Ghax fil-fatt anki qabel l-incident hija ma kienitx tahdem, u tant kienet fi stat hazin

ta’ sahha, kagun tal-marda li kellha, li l-posizzjoni taghha qabel l-incident giet deskritta mit-tobba bhala li kienet mara bed ridden. Dan jinsab rikonoxxut mill-attrici stess meta fid-deposizjoni taghha, wara li qalet li t-tifla taghha kienet tkun ghandha kuljum biex tattendi ghal bzonnijiet taghha personali, qalet *“Being of meagre means I am not able to employ a nurse or a maid, because in order to do so I will have to pay at least a minimum wage to these people……Therefore I hope to be awarded enough damagess which will help me hire personal assistance” (fol.67)* Johrog car li d-danni li qedin jippretendu l-atturi huma dawk mehtiega sabiex l-attrici tkun tista’ timpjega lil xi hadd biex jghinha fil-bzonnijiet taghha.

Il-Qorti tosserva li pretensjoni ta’ din in-natura tistimula l-kwistjoni jekk dawn it-tip ta’ danni jidhlux fl-ambitu tan-nozjoni ta’ *“telf ta’ qligh”* kif koncepita fl-artikolu 1045 tal-Kodici Civili.

Illi fil-kawza ***Carmela Busuttil v George Micallef*** l-Onorabbli Qorti tal-Appell, wara li osservat li l-artikolu 1088 (illum 1045) tal-Kodici civili ma jghatix dritt ta’ indenniz ghall-incapacita’ *ut sic*, imma ghall-inkapacita’ in kwantu **din tirrifletti telf ta’ qliegh, tat-interpretazzjoni wiesgha ta’ din il-frasi fis-sens** li din ghandha tkopri wkoll dawk l-ispejjez li d-danneggjata kien ser ikollha taghmel mill-qligh taghha minhabba d-disabilita’ li sofriet. F’ dak il-kaz d-danneggjata ma kienet tghamel ebda xoghol ta’ qligh izda takkudixxi biss ghall-facendi tad-dar u tghix bil-pensjoni governattiva. Dik l-Onorabbli Qorti in propositu ghall-applikabilita’ tal-Artikolu tal-ligi in disamina osservat hekk: *“.. l-qliegh tal-attrici hu rapprezentat b’ dak li tircevi minn ghand il-Gvern, u ghalhekk, jekk dan il-qligh jigi mnaqqas minhabba xi* ***spejjez li jhkollha taghmel*** *in konsegwenza tal-infortunju,* ***dak hu telf ta’ qliegh****”.(sottolinear u emfasi ta’ din il-qorti) (Vol.XLIB .1 .101 – 1957).*

Fil-kaz in disamina l-posizzjoni hi aktar komplessa minhabba l-fatt li l-attrici mietet fil-mori tal-kawza u precisament fit-23 ta’ Gunju 2000 (dok.S fol.94) u matul l-ahhar zmien ta’ hajjitha kienet tiehu hsiebha t-tifla taghha

Pawla, li kienet tmur ghandha kuljum sabiex tattendi ghal bzonnijiet personali u necessarji taghha. Hi fethet dawn il-proceduri proprju peress li t-tifla taghha, minhabba x-xoghol taghha, ma setghetx tkompli tmur tarha kuljum. It-tifel taghha Peter Paul Caruana xehed li anki hu kien jiehu hsiebha.

Illi f' dan il-kaz, ghab-bazi tal-gurisprudenza fuq indikata, il-Qorti hija tal-fehma li t-telf ta' qligh li soffriet d-danneggjata f' dan il-kaz hu rappresentat bil-kreditu li t-tfal taghha ghandhom fil-konfront tal-assi tal-ġenituri taghhom ghas-servigi li huma kienu jipprestalha kwotidjanament u allura necessarjament, bi grad ta' sagrificju, partikolarment fil-konfront ta' Pawla Caruana li kienet tahdem. Il-Qorti tosserva li, gia la darba wara l-incident, u kawza tal-istess, Shirley Caruana ma baqghetx aktar indipendenti u allura kellha necessarjament tiddependi minn <u>assistenza kwotidjana</u> ta' xi haddiehor, hija kellha dritt ghal dawk l-ispejjez li kien ser jkollha tghamel biex takkwista dik l-ghajnuna. Dawn l-ispejjez jirrapresentaw telf ta' qligh mill-assi taghha u ta' zewgha. Il-fatt li din l-ghajnuna nghatatilha mit-tfal taghha, ma jimmiltax kontra din il-konkluzjoni, stante li, kif fuq inghad, is-servigi resi minnhom jistghu jigu riklamati.

Illi din il-Qorti, wara debita riflessjoni, hija tal-fehma li ghandha tiehu bhala bazi tal- *multiplicand* il-figura ta' tlieta u erbghin lira (LM43) fil-gimgha[2]. Fic-cirkostanzi, din il-figura twassal ghas-somma totali li hija aktar gusta minn dik pretiza mill-atturi. Inoltre, il-Qorti tosserva li l-perijodu relevanti ghall-finijiet tal-esercizju odjern huwa dak ta' sitt snin. Dawn il-fatturi kunsidrati fid-dawl ta' disabilita' ta' 17% iwasslu ghas-somma totali ta' elfejn mija mitejn u tmenin lira maltin u tnejn u sebghin centezmu (LM43 x 52 gimghat = Lm2,236 x 6 snin x 17% = LM2,280.72). Illi, zewg terzi minn din is-somma, u cioe' Lm1,520.48c tirrapprezenta l-kwota li ghaliha l-konvenuti huma responsabbli.

---

[2] Figura bazata fuq il-*minimum weekly wage* fis-sena 1994 (Lm.38.13) u fis-sena 2000 (Lm48.38)

Illi in kwantu ghal *lump sum payment reduction*, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi:  It-trapass taz-zmien mid-data tal-incident sad-data tas-sentenza (8 snin circa);  it-trapass taz-zmien mid-data tal-incident sad-data tal-presentata tac-citazzjoni (sena u tlett xhur);  it-trapass ta’ zmien sakemm l-atturi kkonkludew il-provi taghhom (mit-31 ta’ Lulju 1995 sal-15 ta’ Novembru 2001- sitt snin circa).  Meqjusa dawn ic-cirkostanzi, u tenut kont taz-zmien li gie impjegat minhabba il-fatt li kemm Salvatore Bezzina kif ukoll Shirley Caruana mietu qabel il-konkluzzjoni ta’ dawn il-proceduri, il-Qorti, tikkunsidra li f’ dan il-kaz ghandha, stante li ser ikun hemm pagament f’ daqqa, ghandha taddotta *lump sum payment reduction* ta’ 10% Konsegwenzjalment is-somma fuq indikata ghandha tigi ridotta b’ ghaxra fil-mija (10%) u cioe’ bis-somma ta’ Lm152.04

Ghaldaqstant is-somma li ghandha tithallas lill-atturi mill-konvenuti in linea ta’ kumpens ghad-danni sofferti minn Shirley Caruana, u li ser tithallas f’ pagament wiehed, hija ta’ LM1,368.44 arrotondita ***ghal elf tlett mija tmienja u sittin lira maltin (LM1,368)***

***Decide***

Ghal dawn il-motivi taqta u tiddeciedi billi, previa in parte rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenut kif fuq spjegat, tilqa’ t-talbiet attrici kif ser jinghad:

**1.** Tiddikjara li ghall-incident li sehh fis-19 ta’ Frar 1994 fejn korriet Shirley Caruana, sehh tort tal-mejjet Salvatore Bezzina, fil-kwota ta’ zewg terzi (2/3), meta dana fis-sewqan tieghu wera imperizja, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

**2.** Tillikwida d-danni konsegwenzjali ghar-responsabilita’ ta’ Salvatore Bezzina fis-somma ***elf tlett mija tmienja u sittin lira maltin (LM1,368);***

**3.** Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi din is-somma ta’ Lm1,368 -  bl-imghax legali mid-data tas-sentenza.

L-ispejjez jinqassmu bejn il-partijiet, b’ mod li zewg terzi jkunu a kariku tal-konvenuti u terz jkun a karigu tal-atturi.

---------------------------------TMIEM---------------------------------